MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 125/2005/1

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Melvyn u Jacqueline konjugi Mifsud**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-bank attur ipprezenta fit-2 ta’ Frar, 2005, u li jaqra hekk:

“Peress illi l-Bank attur ikkonceda lill-konvenuti Melvyn u Jacqueline konjugi Mifsud facilita’ ta’ *‘overdraft’* u in forza ta’ din il-facilita` l-imsemmija konvenuti ssellfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta’ sbatax-il elf, tmien mija u wiehed u tmenin Liri Maltin, u sitta u ghoxrin centezmi (Lm17,881.26) bl-interessi kkalkolati sa’ l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond *‘statement’* anness mac-citazzjoni u immarkat Dok.A oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv;

“Peress illi permezz ta’ zewg (2) skritturi privati li jgibu d-dati tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) u t-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju tas-sena elfejn (2000) li kopji taghhom gew anness mac-citazzjoni u immarkati Dok. B u Dok. C il-konvenuti kienu ggarantew il-hlas lura ta’ dan id-debitu flimkien ma’ l-interessi u spejjez relattivi billi kkostitwixxew rahan fuq l-ishma kif hemm elenkati fl-imsemmija Dok. B u Dok. C;

“U peress illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment skond kopja legali ta’ ittra ufficjali li ggib id-data tat-tmienja (8) ta’ Jannar ta’ l-elfejn u erbgha (2004) anness mac-citazzjoni u immarkata Dok. D, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi m’ghandhomx minn din l-Onorabbli Qorti:-

“jigu l-konvenuti Melvyn u Jacqueline konjugi Mifsud solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ sbatax-il elf, tmien mija u wiehed u tmenin Liri Maltin, u sitta u ghoxrin centezmi (Lm17,881.26) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita` ta’ *‘overdraft’* li ghandhom mal-istess Bank bl-interessi ikkalkolati sal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond *‘statement’* anness mac-citazzjoni u immarkat Dok. A oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-hamsa u

ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv;

"Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-8 ta' Jannar 2004 u bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jacqueline Mifsud li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament l-esponenta hi separata *de facto* minn mar-ragel taghha u b'hekk m'hix '*au courant'* ta' l-affarijiet finanzjarji, liema nuqqas ta' taghrif kien jippersisti anki meta l-konvenuti kienu qed jghixu flimkien, liema haga se tigi ippruvata u spjegata fil-mori tal-kaz!

"2. Illi, di piu, in vista ta' l-emendi li saru fil-ligi, ma jirrizulta ebda firma da parti tal-esponenta fid-dokumenti esibiti, biex b'hekk l-esponenta qed tirrizerva d-dritt li tiehu proceduri necessarji fi stadju ulterjuri u skont il-kaz, bhalma ghamlet kontra r-ragel taghha, anki *se mai* kontra l-bank attrici.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li d-dejn in kwistjoni kien jezisti meta l-istess konvenut Melvyn Mifsud kien ghadu ghazeb, qed jirrizulta b'mod car li l-bank attrici ghandu jsus kontra l-istess konvenut Melvyn Mifsud li hu avukat u li evidentement, immanuvra jew qed jimmanuvra b'tali mod biex idahhal l-esponenta fl-obbligi strettament tieghu imma, pero`, fl-istess hin dejjem ghamel kemm seta' biex izomm l-esponenta fl-ghama, liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kaz;

"4. Illi apparti mis-suespost, il-proceduri huma vessatorji fejn l-istess Bank attrici anki qed tkun slejali lejn il-fatti u verita`, stante li sa fejn taf l-esponenta, kien hemm bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghall-facilita` li l-bank kien ghogbu jaghti, fejn fin-nuqqas jekk kien hemm xi irregolarita` jew nuqqas, jew inkella xi tibdil, l-esponenta ma tafx u l-bank attrici stess ghandha; a. taghti spejgazzjoni necessarja x'gara kif ukoll; b. terfa' l-piz necessarju tar-responsabilta` tan-nuqqas taghha; c. bl-ispejjez, liema imgieba skorretta se tigi ippruvata waqt it-trattazzjoni tal-kaz."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Melvyn Mifsud li in forza taghha

ecepixxa illi:

> “1. Illi l-eccipjent jaccetta li l-ammonti pretizi mis-socjeta` attrici huma dovuti u l-interess principali tieghu fil-prezentata ta’ dawn l-eccezzjonijiet huwa li jikkontrolla l-andament tal-kawza in vista ta’ l-eccezzjonijiet prezentati mill-konvenuta martu;
>
> “2. Illi l-eccipjent jirriserva li jipprocedi kontra l-konvenuta sabiex jigu indirizzati l-pretenzjonijiet tieghu kontra taghha in konnessjoni ma’ dan id-dejn;
>
> “3. Illi l-eccipjenti jixtieq iressaq il-provi dwar il-fatt illi huwa kien jinsisti mal-konvenuta sabiex il-kontendenti jaqblu dwar il-hlas ta’ dan id-dejn u kienet il-konvenuta illi pprecipitat din il-kawza bl-intrasigenza taghha. L-eccipjent ghalhekk jissottometti illi ghanda tkun il-konvenuta biss illi tbati l-ispejjez kollha ta’ din l-istanza u certament dawk l-ispejjez kawzati mill-kontestazzjoni agitata mill-eccezzjonijiet taghha;
>
> “4. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru, 2006, li in forza taghha cahdet talba tal-konvenut Melvyn Mifsud ghall-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Jacqueline Mifsud;

Rat is-sentenza li tat l-istess Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Lulju, 2011, li in forza taghha cahdet it-talba attrici, b’dan li kull parti tbati l-ispejjez taghha;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti

konsiderazzjonijiet:

"Xehed Robert Dimech li huwa *Manager* fir-*'Recoveries Department'* mal-Lombard Bank fejn semma li depoziti ma sarux minn mindu nfethet il-kawza sa meta xehed, ghalkemm semma li Dr. Mifsud mar ripetutament jaghmel xi pagamenti izda fadal l-ammont mitlub.

"Xehed Raymond Formosa, *Manager* fuq *advances* mal-Lombard Bank Malta p.l.c. li meta l-konvenuti kienu talbu *loan* , kien *manager* fil-*branch* f'Tas-Sliema. Hu xehed illi bhala sigurta` kellhom '*pledge'* fuq *Malta Conshares* 2,110, *Bank of Valletta shares* 540 u li dawk kienu f'isem Dr. Melvyn Mifsud u il-firma kienet tat-tnejn li huma, tal-konjugi, tas-Sinjur u s-Sinjura Mifsud. Semma li kien hemm '*pledge'* ohra fuq fund *Wignacourt Maltafund* ta' 8,040 *unit* u dak kien f'isem iz-zewg partijiet. L-ahhar *fund* kien fuq Mrs. Jaqueline Mifsud biss. Xehed illi Dr. Mifsud kien mar diversi drabi u indika li hu dispost ihallas s-sehem tieghu. L-imghax li kien ikun dovut kull sitt (6) xhur kien jizdied mal-kapital u li ghalhekk kien ikun imbaghad jerga jiddekorri imghax fuq il-kapital il-gdid.

"Zied li s-sistema taghhom kienet li normalment huma jaqbdu u jippruvaw ikellmu lill-'*principal debtor'* biex jiehu hsieb il-hlas u mhux mill-ewwel imorru fuq il-'*pledge'*. Formosa accerta li huwa jaf li meta huwa kien *Manager* tas-Sliema, il-konvenut kien mar diversi drabi u kien wera l-interess illi jinbieghu x-'*shares'* u jithallas parti mid-dejn. Il-problema li parti mix-'*shares'* kienu f'ismu u parti mis-'*shares'* ma kienux f'ismu. Formosa kompla li jiftakar ukoll li Dr. Mifsud kien qallu diversi drabi biex jara l-parti l-ohra hiex disposta li tbigh ix-'*shares'*. Il-konvenuta, personalment, qatt ma kienet marret il-bank.

"Zied li tezisti r-regola ghalkemm ma jafx kemm hi regolari li s-sistema ta' pagament hija li l-ewwel ma jiddepozita l-ewwel ma jithallas. Qal li l-konvenut kien jghidlu li kien jixtieq ihallas dik l-parti ta' flus fejn li ma humiex '*covered'* bix-'*shares'*.

"Semma li ghandu ittra fil-*file* minghand Mrs. Mifsud fejn lilu kienet qaltlu "*please stop further followings from overdraft account number"*, u li kellha d-data tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' April elfejn u wiehed (2001). Xehed illi missier il-konvenuta kien gieli ikkuntattja lill-bank u kien jitlobhom *statements*.

"Gie prezentat affidavit ta' Melvyn Mifsud, li fih issemma li hu u l-konvenuta Jacqueline Mifsud izzewwgu fil-15 ta' Novembru 1998. Kienet dejjem tezisti l-

komunjoni ta’ l-akkwisti bejniethom. Ikkonferma li d-dejn kif mitlub huwa dovut, izda oggezzjona ghall-fatt li l-Bank ma bighx l-ishma u l-investimenti li ilhom u ghadhom ippleggjati favur l-istess socjeta` attrici u li l-anqas qatt l-istess Bank ma talab lill-konvenuta sabiex tara jekk taccettax li jinbieghu.

A fol 13 tal-process, hemm il-ftehim mal-Malta Stock Exchange fejn il-konvenuta wkoll regghet iffirmat darbtejn, fejn bhala *pledgor* ippleggjat l-ishma tal-Maltacom p.l.c. u l-Bank of Valletta p.l.c. favur is-socjeta` attrici u wara dan, il-Malta Stock Exchange irrikonoxxiet il-kunsens tal-konvenuta u tieghu.

“Qal li l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali minghajr ma avzatu fil-31 ta’ Dicembru 2000. Dwar kull bilanc li kien ghad hemm dovut, baqa’ jinsisti mal-Bank li kellhom ibieghu l-ishma u l-investimenti, sabiex jithallsu ghad-debitu u dan kif setghu jaghmlu, permess tal-garanziji fil-*pledge forms* u dokumenti ohra. Izda l-Bank qatt ma ried jaghmel hekk ghax kellu pressjoni minn missier il-konvenuta, sabiex ihalli l-affarijiet kif kienu.

“Qal li matul is-snin, dejjem insista mal-konvenuta sabiex jinbieghu l-ishma u l-investimenti li kienu ippleggjati favur il-Bank, sabiex jaghlqu l-kont mal-Bank - u mbaghad kull bilanc kellu jinqasam bejniethom. Semma li f’Marzu, 2005 il-konvenuta iddikjarat li qed taccetta li jinbieghu l-ishma. Minkejja dan, il-Bank xorta ma talabx li jinbieghu jew jinfurza l-bejgh ta’ l-istess. Kieku dan sar, la z-zewg debituri / konvenuti qeghdin jaqblu, kieku l-ammont ma kienx jibqa’ joghla daqshekk u wkoll jiminizzaw l-ispejjez.

“Iz-zwieg taghhom gie annullat mill-ewwel istanza mit-Tribunal Metropolitan (Ekklesjastiku).

“In kontro ezami Dr. Melvyn Mifsud ikkonferma l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll l-affidavit. Ikkonferma wkoll id-Dokumenti B u C u l-firem tieghu u tal-mara. Dawn l-ishma kienu gew mixtrija matul iz-zwieg. Semma li d-dejn parafernali kien xi Lm8,500 cirka, u wahdu hallas Lm29,000.

“Gie prezentat affidavit ta’ Kurt Camilleri li qieghed fl-ahhar fazi ta' l-istudji tieghu ghal *Chartered Accountant* u cioe` A.C.C.A. Ghamel il-konteggi relattivi u ghamel l-addizzjoni tad-depoziti maghmula f'diversi perjodi fil-kont hawn imsemmi (f’isem Dr. Melvyn Mifsud LL.D.) u annetta d-Dokumenti imarkati KC1 u KC2.

“Gie prezentat affidavit ta’ Jacqueline Pace Balzan u semmiet li l-konvenut kien *ossessjonat* fuq missier il-konvenuta. Semmiet li meta marret tkellem lis-sur Formosa, dan kien ikkonferma li sija hi kif ukoll il-konvenut Melvyn Mifsud kienu debituri mal-bank. Sostniet li s-sanction letter kienet b’limitu ta’ Lm8,500 imma *d-debit balance* kien ta’ Lm18,177. Sostniet li l-bank kellu kapital bizzejjed biex ikopri d-dejn li kien hemm ta’ Melvyn Mifsud. Hi attakkat il-validita` ta’ diversi dokumenti fejn sostniet li kienu minghajr il-*letter head* tal-Bank jew mhux iffirmati.

"Fuq mistoqsija jekk hi, fl-2001 riditx tbiegh l-ishma jew le, Jacqueline Mifsud irrispondiet illi hi, dak iz-zmien, ma kinitx ghadha taf il-pozizzjoni u cioe` ma kenitx fil-pozizzjoni li tghid iva jew le u b'hekk ma tat l-ebda pozizzjoni. Jacqueline Mifsud xehedet illi hi riedet tbieghhom ix-*'shares'* u esprimiet dan permezz ta' l-avukat taghha, pero` ma tiftakarx ezattament meta.

"Xehed Dr. John Pace Balzan, missier il-konvenuta u ikkonferma li Mifsud telqet mid-dar matrimonjali li kellha fl-ahhar tas-sena 2000 u li ghad m'hijiex fuq stat ta' separazzjoni legali. Hu ikkonferma li l-konvenuta tghix id-dar mieghu u li jipprova milli jista' biex jghinha. Mistoqsi dwar jekk il-konvenuta kellhiex xi inkontru ma' ufficjali tal-*Lombard Bank* u dwar specifikament l-ishma li hemm u xi rahnijiet li saru fuqhom, irrisponda li meta kien sar jaf bil-prezenza ta' l-*amended sanction letter* datata Gunju tas-sena 2000, l-*amended sanction letter*, hu raha ftit 'viljakka' u ghalhek kien mar ikellem lill-*general manager* dwar din l-istess *amended sanction letter*. Semma li ma kien hemm ebda necessita` li jaghti struzzjonijiet lill-Bank ghal raguni semplici hafna li kien hemm stipulat: "*In accordance with standard banking practice this facility is repayable on demand but if no demand is made it will be subject to review annually*." Issa jekk il-Bank induna f'daqqa wahda li kien hemm xi haga li mhix ghal kollox kif kienet tidher li hi, il-Bank skond *normal standard banking practise* kellu jaqbad u jitlob ghal *repayment* tal-*facility*, ma kienx hemm bzonn la l-permess tieghu u anqas il-permess ta' hadd.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. Fatti tal-Kaz:***

"Il-konvenuti zzewgu f'Malta fil-15 ta' Novembru 1998 u kienet u ghadha tezisti bejniethom il-komunjoni ta' l-akkwisti – illi l-istess konvenuti isseparaw *de facto* fil-31 ta' Dicembru 2000. Permezz ta' *sanction letter* datata 28 ta' Marzu 2000 il-konvenuti hadu *overdraft facility* mis-socjeta` attrici, liema *sanction letter* giet sostitwita permezz ta' *sanction letter* datata 20 ta' Gunju 2006 – fejn il-kundizzjonijiet baqghu l-istess hlief li tnehha il-kont ta' Madeline Cortis bhala *security*. Il-konvenuti kienu rabtu u taw bhala rahan favur u f'idejn is-socjeta` attrici, l-investimenti hawn taht imsemmija:

Wignacourt – tal-Valletta Fund Management,

Maltacom p.l.c. – illum Go p.l.c. u Bank of Valletta p.l.c., li inxtraw waqt iz-zwieg tal-konvenuti, fil-parti l-kbira permezz tal-istess *overdraft facility.*"

"Dr. Mifsud insista li hu mill-bidu nett talab sabiex jinbieghu l-investimenti u dan sa minn Jannar 2001, izda l-Bank naqas milli jaghmel dan u l-valur ta' l-istess investimenti naqas drastikament. Illi l-konvenut wahdu hallas miz-zwieg 'l hawn [l-ammont ta' Lm29,856.74 skond l-istess konvenut]. Il-konvenuta tinsisti li hi ma

oggezzjonatx formalment li jinbieghu l-investimenti. Irrizulta li l-Bank lanqas ma ghadda li jbiegh l-ishma tal-Maltacom p.l.c. u l-Bank of Valletta p.l.c. li kienu unikament f'isem il-konvenut Melvyn Mifsud'

"Interessanti x-xhieda ta' Raymond Formosa li kien il-*Manager* tal *Branch* tas-Sliema meta inghatat il facilita ta' "*overdraft*" lill-konvenuti konjugi Mifsud. Hu xehed li bhala sigurta` ghall-hlas lura tal-facilita`, il Bank attur kien inghata rahan fuq l-investimenti imsemmija fid-dokumenti B u C annessi mac-citazzjoni u ikkonferma li dawn id-dokumenti kienu ffirmati miz zewg konvenuti:

> ""pledge fuq Maltacom shares 2110, Bank of Valletta shares 540 dawn kienu f'isem Dr. Melvyn Mifsud u il-firma tat tnejn li huma tal konjugi, tas-Sinjur u s-Sinjura Mifsud ….. nghid li kien hemm ukoll pledge ohra fuq fund Wignacourt Malta Fund ta' 8040 unit u dana kien f'isem Mrs. Jacqueline Mifsud …. Il formula ffirmata mit-tnejn li huma."

"Dan ix-xhud ikkonferma wkoll fis-seduta tas-26 ta Marzu 2007 li l-konvenut

> ""….diversi drabi gie u kien wera l-interess li jinbieghu s-shares u jithallas parti mid dejn…. Niftakar illi fil fatt il konvenut kien jigi u beda jaghmel xi pagament hu stess…."

"Dan ix-xhud spjega wkoll li s-sistema tal Bank attur huwa li bhala prassi ma jaqabadx u jbiegh l-investimenti moghtija b'rahan izda jippruvaw ikellmu lid-debituri biex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom u jiehdu hsieb li jhallsu l-ammont dovut. Dan ix-xhud kompla biex jghid li fis-27 ta April 2001 il Bank attur irceva ittra minghand il konvenuta biex ma jsirux iktar "*drawings*" mill-facilita` ta' l-*overdraft* u li l-istess konvenuta, minn meta beda l-inkwiet matrimonjali, qatt ma regghet resqet lejn il-Bank izda missierha kien gieli jikkuntattja l-Bank biex jitlob l-i*statement*.

"***<u>D2. L-istitut tar-rahan:</u>***

"Il-Kap 16 artikolu 1964 jghid:

> ""Ir-rahan huwa kuntratt li jinholoq biex jaghmel tajjeb ghal obbligazzjoni. Ir-rahan jista' jinghata jew mid-debitur innifsu jew minn terza persuna ghad-debitur."

"Illi l-kuntratt ta' rahan jikkrea obbligi mhux biss fuq id-debitur biex jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni, izda wkoll fuq il-kreditur fosthom illi l-kreditur iwiegeb ghat-telf tar-rahan jew ghall-hsara li tigri fih bi htija tieghu. Infatti l-kreditur ghandu l-obbligi li jagixxi bhala *bonus pater familias* u spiss gie ritenut mill-Qorti Taljana u minn awturi dwar ligi simili ghal taghna:

> ""*se egli non è tenuto alla colpa lievissima come il depositario è tenuto per la colpa lieve, quando nella custodia della cosa non impiega la diligenza di un buon padre di famiglia.*"

"Minhabba dan il-konvenuti, specjalment Dr. Melvyn Mifsud, jinsistu li l-bank attur naqas f'dawn id-doveri u ikkreja danni li dawwar bi profitt ghalih is-sitwazzjoni. Ir-rahan li kellu favur tieghu l-bank seta' jzid fil-valur jew inaqqas u fil-fatt nizel b'mod qawwi. Dr. Mifsud jargumenta li l-bank attur ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma jintilifx il-valur, u "dan *stante* li naqset milli tipprevalixxi ruhha mid-dritt illi titlob u tipprosegwi bil-bejgh ta' l-istess".

"Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Concetta mart Carmelo Debono vs Alfred Busuttil**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Harding) fit-13 ta' Mejju, 1983 fejn intqal:

> ""Dak li jzomm ir-rahan mhux responsabbli f'kaz ta' colpa levissima bhal fil-kaz tad-depozitarji izda huwa responsabbli ghall-kolpa lievi meta ma jispjegax id-diligenza tal-*bonus pater familias* fil-kustodja ta' l-oggetti konsenjati lilu b'titolu ta' rahan."

"Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-13 ta' April, 2007 [Numru 2066/2000/1] fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. vs Louis u Silvana konjugi Naudi** inghad**:**

> ""Issa skond il-ligi, meta jsir hlas akkont ta' dejn, jekk ma jkunx hemm accettazzjoni mid-debitur ta' l-appropriazzjoni li jkun jixtieq jaghmel il-kreditur, allura japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili. Issa, skond l-Artikolu 1171(d), "il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn imsahhah b'garanzija qabel dejn iehor mhux hekk imsahhah; u fuq id-dejn bi privilegg jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privilegg jew b'ipoteka."

“Ara wkoll f’dan is-sens **Dimech vs Busuttil** per Imh. H. Harding 13 ta’ Mejju, 1983 PA, u **Bardon vs Banavage** Q. Kum. 6 ta’ Novembru, 1933.

“Spiss jigi argumentat li huwa l-obbligu tad-debitur jipprova dan in-nuqqas izda nsibu diversi sentenzi tal-Qrati taghna li jsegwu l-linja tat-**Troplong** (*Commentario all’Articolo 2080 del Codice Civile Francese*):

> “*“Il creditore deve provare che egli non ha potuto prevenire la perdita della cosa”*

“Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk kien jinkombi fuq il-bank attur li juri d-diligenza ta’ *bonus pater familias* u li jevita li l-valur tar-rahan ma jinzilx, u jevita t-telf li batew il-konvenuti.

“***<u>D3. Arrikkiment indebitu u mala fede da parti tas-socjeta` attrici:</u>***

“Dr. Mifsud jinsisti wkoll fuq il-fatt li l-bank ghamel arrikkiment indebitu. Infatti irrizulta li l-bank zamm b’rahan investimenti u azzjonijiet propjeta` tal-konvenuti Mifsud. Il-konvenut jinsisti li hu kien ta struzzjonijiet lill-bank sabiex ibieghu l-ishma u l-investimenti. Dan kien anke konfermat minn Raymond Formosa, *Manager* tal-bank attur. Ta’ min izid li uhud mill-oggetti mizmuma b’rahan kienu f’isem Dr. Mifsud biss, bhal ma huma l-ishma tal-Maltacom p.l.c. u tal-Bank of Valletta p.l.c. Certament li l-bank ma kellux diffikulta` biex ibigh ghall-inqas dawn ghalkemm il-bank jipprova jilqa’ ghal dan billi mix-xhieda ta’ Formosa hareg li “l-problema li parti mix-*shares* kienu f’ismu u parti mix-*shares* ma kienux f’ismu”. Anke l-konvenuta Jacqueline Mifsud kienet talbet lill-bank biex ma jibqax jipprovdi l-facilita` ta’ *overdraft*. Huwa fatt li l-bank ma gab ebda prova li l-konvenuta opponiet ghall-bejgh tar-rahan. Infatti, qatt ma kien hemm xi dikjarazzjoni jew pronunzja ufficjali jew kitba li permezz taghha l-konvenuta irrifjutat jew oggezzjonat illi jinbieghu l-ishma u l-investimenti u fil-fatt hlief ghal darba wahda biss il-konvenuta qatt ma resqet lejn il-bank. Anke missier il-konvenuta, Dr. John Pace Balzan, innega bl-aktar mod kategoriku li qatt kien hemm xi oppozizzjoni min-naha tieghu sabiex jinbieghu l-ishma jew l-investimenti u iddikjara li “lanqas biss dhalt fiha”. Il-Qorti taqbel mas-sottomisjoni tal-konvenut li ma hemm assolutament ebda raguni il-ghaliex is-socjeta` attrici ma setghetx tbiegh l-oggetti mizmuma b’rahan fil-bidu tal-vertenza wara li tiehu l-passi opportuni kif ser jinghad. Infatti a tenur ta’ l-artikolu 1970 tal-Kap 16 jinghad:

“Il-kreditur li jzomm oggetti b’rahan, jista’ jitlob il-bejgh tal-haga fl-irkant taht is-setgha tal-qorti f’eventwalit’ ta’ nuqqas ta’ hlas.

"Tali procedura ssir b'rikors biex tingieb l-awtorizazzjoni tal-Qorti. Naturalment wiehed jistenna li fil-bidu il-bank normalment jipprova jkellem lill-klijenti u huwa biss wara li ma kienx. Ghalhekk il-Bank attur seta' jintavola r-rikors a tenur ta' l-artikolu 1970 tal-Kap 16. Dan seta' sar anke bl-opposizzjoni tad-debituri.

"Kien propju minhabba f'hekk li l-konvenut sostna li kien hemm arrikkiment indebitu ghas-skapitu tal-konvenuti u b'imghaxijiet li ggwadanja l-Bank.

"***<u>D4. Kontensjoni tal-Bank attur:</u>***

"Izda minhabba l-fatti kif esposti l-Bank attur isostni li:

"ma hemm l-ebda dubbju li l-facilita inghatat, u li ghad fadal il- bilanc imsemmi fic citazzjoni sabiex jithallas, oltre l-interessi u l-ispejjez tal procedura odjerna. Sfortunatament is-sitwazzjoni personali li tezisti bejn il konvenuti hija evidentement ir raguni ghaliex din il facilita` baqghet ma thallsitx u l-Bank attur sab ruhu jizfen fin-nofs."

"Il-Bank irrefera wkoll ghall-affidavit tal-konvenut li qal:

"Jien naqbel u nikkonferma li d-dejn kif mitlub huwa dovut u dan dejjem qbilt li kellu jithallas lura"

"Izda l-kontensjoni tal-konvenut mhix li l-ammont ma kienx dovut izda ghaliex il-Bank ma qabadtx u biegh l-ishma moghtija b'rahan favurih. Il-Bank jirreferi ghall-fatt li fid-Dokumenti "B" u "C" hemm imnizzel li *the Bank <u>may</u> at any time after giving such notice …. either cause all the securities or any of them to be sold ….".* Infatti l-Bank isostni li kellu d-dritt li jaghzel jekk jbiegh l-ishma jew lew, minhabba l-uzu tal kelma "*may*" fil-korp ta' l-iskrittura, u fil-fatt ghazel it-triq tal-prudenza biex ma jesponix ruhu ghal xi akkuza li hu qed jiffavurixxi lil xi parti jew ohra. Izda din mhix raguni valida li tippermetti agir kontra dak provdut fil-Kodici Civili.

"***<u>D5. Talba ibbazata fuq Komputazzjoni Erronea ta' l-Imghaxijiet:</u>***

"Il-konvenut irrefera ghal diversi principji applikabbli taht il-ligi taghna:

- “Terminat il-ftehim ta’ kont kurrent, ir-regoli applikabbli ghalih ma jibqghux aktar applikabbli. It-terminazzjoni ta’ kont kurrent tista’ wkoll tkun wahda unilaterali maghmula mill-kreditur, il-bank attur fil-kaz prezenti, fejn dan juza d-diskrezzjoni tieghu u jsejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut (*call in*) jew javza lid-debitur li l-kont kurrenti m’ghadux qed jopera u li, per ezempju, il-kont jista’ jintuza biss ghad-depoziti pero` mhux ghall-hrug ta’ ammonti (*readings only*)”;
- “Illi fil-11 ta’ Frar 2002 gie maghluq il-kont kurrenti, b’hekk il-kont gie ikkonvertit f’mutwu ordinarju;
- In vista tal-hlasijiet illi saru mill-konvenut kien baqa’ dovut Lm14,876.32 – ekwivalenti ghal Euro 34652.504;
- “Illi *cio` nonostante*, l-interessi fuq dan l-ammont/kont, illi kien ikkonvertit f’mutwu ordinarju u mhux aktar kont kurrenti, komplew telghin; dawn l-ammonti ma kinux jibqghu telghin kieku il-bank adopera il-procedura *ai termini* ta’ l-Artikolu 1970 tal-Kapitolu 16;
- “is-socjeta` attrici ma tistax tippretendi hlas ta’ aktar mid-doppju ta’ dan l-ammont u kwalsiasi pretensjoni ghal ammonti superjuri ghal dan jammontaw ghal ksur lampanti tal-principji enuncjati mill-Qrati taghna dwar hlas ta’ imghax fuq l-imghax; Illi kif ipprovdut fil-ligi taghna l-imghaxijiet qatt ma jistghu jeccedu s-*sorte*; ukoll minn dak il-mument li jispicca l-kont kurrent, l-imghaxijiet komposti mhumhiex aktar leciti.
- “Ghalhekk huwa car illi l-bank kompla **jikkomputa imghaxijiet komposti anke wara l-gheluq tal-kont kurrenti** b’konsegwenza li l-ammont minnhom mitlub huwa ferm oghla minn dak fil-fatt dovut, skond il-ligi.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Bank attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> “… … … thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti Civili Prim’ Awla tas-6 ta’ Lulju, 2011 u dan billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati, tilqa’ t-talbiet attrici bl-imghaxijiet kif miltluba fic-citazzjoni, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Jacqueline Mifsud li, ghar-ragunijiet minnha premessi, talab biex din il-Qorti:

> “… … … tikkancella, thassar u tirrevoka l-ewwel sentenza fil-konfront taghha tas-6 ta’ Lulju 2011 billi tikkonsidra l-punti kif gew accennati tul ir-rikors tal-appell kontra l-istess Bank appellata fl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat u/jew kif jidhrilha din l-Onorabbli Qorti skont il-kaz.”

Rat ir-risposta tal-bank attur ghar-rikors tal-appellipprezentat minn Jacqueline Mifsud li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi:

> "… … … l-Appell interpost mill-konvenuta Jacqueline Mifsud huwa frivolu u vessatorju (tenut kont tal-fatt li wara kollox is-sentenza appellata kienet favuriha) u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha filwaqt li jaghmel referenza ghar-rikors ta' Appell ipprezentat minnu fil-21 ta' Lulju 2011 u ghas-sottomissjonijiet u t-talbiet hemm dedotti li qed jinzammu shah u fermi."

Rat ir-risposta ta' Jacqueline Mifsud ghar-rikors tal-appell ipprezentat minn Lombard Bank li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti:

> "… … … twarrab ghall-kollox ir-rikors tal-appell min-naha tal-bank rikorrent bhala appell ghal kollox frivolu u vessatorju stante qed jirrizulta n-nuqqas ta' professjonalita` tant lampanti min-naha tar-rikorrent bank fejn bhala konsegwenza l-istess Avv. Melvyn Mifsud mhux biss qed jibbenifika imma ser jigi sussidjat mill-esponenta kif indikat fl-appell taghha tas-26 ta' Lulju, 2011 ghas-sottomissjonijiet u talbiet taghha bl-ispejjez kollha kontra l-istess bank u/jew Melvyn Mifsud skont il-kaz."

Rat ir-risposta tal-appell ta' Melvyn Mifsud li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi issottometta illi:

> "… … … l-appell interpost  ma ghandux jigi intrattenut, bl-ispejjez kontra l-istess Bank appellant anke ta' din l-istanza."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza, il-bank attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkannonizzati debituri tieghu fl-ammont ta' Lm17,881.26 (illum €41,652.13) piu imghax ulterjuri, wara facilita` ta' *overdraft* moghtija lill-konvenuti konjugi Mifsud.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba wara li qieset li peress li dan id-dejn kien garantit b'rahan fuq diversi ishma, il-bank naqas milli jipprevalixxi ruhu mid-dritt li kellu illi jitlob u jipprosegwi bil-bejgh tal-istess. Jidher, ghalkemm dan mhux ippruvat b'mod konklussiv, illi f'xi zmien il-valur ta' xi ishma nizel, u l-ewwel Qorti qalet li dan kien tort tal-bank li kellu jara li jevita li l-valur tar-rahan ma jinzilx.

Il-bank attur appella mis-sentenza u ressaq diversi aggravji li jolqtu r-ragunament tal-ewwel Qorti;

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li hi taqbel mas-sottomissjonijiet tal-bank attur. Il-kawza hi wahda ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu u din kellha tintlaqa' ghax il-kreditu, bhala obbligazzjoni prinicpali, jissussisti indipendentement mill-

obbligazzjoni sussidjarja marbuta mar-rahan. Bhala principju, kreditur li jkollu l-kreditu tieghu garantit, mhux mehtieg li bilfors jesegwixxi l-garanzija, u jista' jipprova jakkwista hlas bil-mezzi normali tal-ligi, u, per ezempju, jhalli li jesegwixxi l-garanzija fl-ahhar u in estremis. Hekk agixxa l-bank f'dan il-kaz, u ma hemm xejn hazin bil-mod kif agixxa. Jekk ikun jirrizulta li l-bank kien negligenti in relazzjoni mar-rahan, ikun jista' jinstab responsabbli ghad-danni, pero`, f'dan il-kaz lanqas ma saret kontro-talba biex l-agir tal-bank fil-kuntest tar-rahan ikun jista' jigi mistharreg.

Il-Qrati taghna kienu gia` ippronunzjaw ruhhom f'dan is-sens fuq kaz simili. Il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Galea noe et v. Reitano**, deciza fit-18 ta' Marzu, 1925, osservat illi:

> "*Il creditore, con pegno, puo` agire per la riscossione del suo credito, anche prima di chedere la vendita del pegno; ma si rende responsabile delle spese nel caso che, realizzato il pegno colle procedure ordinarie, o dietro il consenso del debitore, colla vendita bonaria del pegno, si ottiene un ammonto uguale o superiore al credito*."

Decizjonijiet simili inghataw mill-istess Qorti fil-kawzi **Zammit v. Darmanin** deciza fit-18 ta' Novembru, 1946 u **Camilleri v. Muscat** deciza fis-7 ta' Dicembru 1950.

L-azzjoni attrici, kwindi, tista' tirnexxi bir-riserva li stabbilew il-qrati taghna.

Inoltre, f'dan il-kaz, ma jirrizultax kif il-bank attur seta' "***jevita** li l-valur tar-rahan ma jinzilx*", kif qalet l-ewwel Qorti, meta l-valur tal-ishma ma jiddependix fuq il-bank izda fuq diversi fatturi esterjuri li l-bank attur ftit li xejn ghandu kontroll fuqhom. Lanqas ma gie muri b'mod car li tul iz-zmien li l-ishma kienu f'idejn il-bank, xi whud tilfu l-valur taghhom. Dan qalu l-konvenut Melvyn Mifsud, pero`, ma saritx l-ahjar prova li turi dan b'mod preciz u ufficjali. Lanqas ma gie muri jekk il-bank setghax jipprevedi li l-valur tal-ishma kien sejjer jinzel u b'kemm.

Barra minn dan jirrizulta li l-konvenuta u missierha kienu qed isostnu li d-dejn in kwistjoni kellu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut Melvyn Mifsud. Bejn il-konjugi Mifsud inqalghu problemi familjari li wassal ghas-separazzjoni de facto taghhom, u l-konvenuta ssotni li l-*overdraft* inqeda bih biss zewgha, u kien hemm, ghalhekk, opposizzjoni da parti taghha li jinbieghu l-ishma li fuqhom kellha pretensjonijiet. Fil-fatt il-konvenut Melvin Mifsud jammetti li ma kienx hemm ko-operazzjoni bejnu u martu biex id-dejn mal-bank jigi saldat bil-bejgh tal-ishma. Iz-zewg debituri kellhom id-dritt, bis-sahha tal-Artikolu 1971 tal-Kodici Civili, li jitolbu l-bejgh tar-rahan, u dan anke qabel ma d-dejn ghalaq, izda haga bhal din ma ghamluhiex. Bhala sidien tal-ishma, huma kienu jigu infurmati dwar x'inhu jigri fis-suq, jew, jekk le, kellhom obbligu jzommu ruhhom infurmati sew dwar dan, bir-rizultat li setghu, meta riedu, jitolbu li jsir il-bejgh tal-ishma biex jithallas id-dejn li ghalih ir-rahan kien gie moghti.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li saret xi haga hazina mill-bank fil-kuntest ta' dan id-dejn, aktar u aktar meta tqis li ebda konvenut ma nnega, fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, li l-ammont mitlub hu fil-fatt dovut.

Fil-kuntest tal-appell tal-konvenuta, din il-Qorti, fl-ewwel lok, ma tarax kif hi setghet tappella meta l-azzjoni attrici giet michuda. L-appell mhux wiehed *del comodo*, u sar b'mod generali biex din il-Qorti semplicement "*tikkonsidra*" il-punti sollevati minnha.

F'kull kaz, il-facilita` li ta l-bank attur inghatat ghat-tgawdija tal-konvenuti konjugi Mifsud, u allura fil-konfront tal-bank, it-tnejn li huma ghandhom jerfghu r-responsabbilita` ghall-hlas. Il-bank ma ghandux jiddahhal fir-relazzjonijiet interni tal-konvenuti. Il-kwistjoni dwar min ghandu jerfa' r-responsabbilita` tal-hlas bejn il-konvenuti m'ghandhiex tidhol fil-vertenza odjerna, stante li z-zewg konvenuti kienu ffirmaw is-*sanction letter* tal-bank, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jerfghu il-piz tal-hlas. Fil-konfront tal-bank attur hu irrilevanti li l-konvenut Melvyn Mifsud kien jiehu hsieb u jmexxi l-aspett finanzjarju tal-familja tieghu, meqjus li z-zewg konvenuti kienu volontarjament iffirmaw l-ittra li wasslet ghall-hrug jew estensjoni tal-facilita`.

Huwa minnu li r-relazzjoni li kellu l-konvenut mal-bank attur inbniet qabel hu ma zzewweg mal-konvenuta, tant li certi kontijiet li hareg il-bank ma jindikawx

isem il-konvenuta. Jibqa’ l-fatt, pero`, li wara z-zwieg tal-konvenuti, l-istess konvenuti kienu ffirmaw dokument f’Marzu tas-sena 2000 li fih accettaw u taw garanzija ghall-hlas lura tad-dejn hemm indikat. Dan id-dokument iffirmawh it-tnejn qabel anke is-separazzjoni de facto taghhom, u bih awtorizzaw il-hrug tal-flus mill-bank u iggarantew il-hlas lura ta’ dak li jkun dovut bil-facilita` ta’ *overdraft*. Din il-facilita` lanqas setghet titwaqqaf mill-konvenuta unilateralment ghax ma kienetx inghatat lilha biss. Iz-zewg konvenuti assumew obbligu tal-hlas lura u jridu jsolvu d-differenzi ta’ bejniethom huma u mhux jinvolvu lill-bank attur.

Fil-kuntest tal-aggravju tal-konvenuti dwar l-imghaxijiet, ghandu jinghad illi sal-*call in* tad-dejn, il-bank jista’, f’kaz ta’ *overdraft*, li hu l-kaz in ezami, jikkalkula l-imghax b’mod kompost. (ara **Borg noe v. Borg et**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru, 2002 u l-gurisprudenza kopjuza li ghaliha hemm referenza fl-istess sentenza). Wara li l-facilita` titwaqqaf u ssir is-sejha ghal hlas tal-bilanc mill-bank, imghaxijiet komposti mhux aktar permissibbli. Apparti l-fatt li f’din il-kawza l-konvenuti ma ressqu ebda eccezzjoni f’dan is-sens, ma ngiebet ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni li l-Bank ikkalkula l-imghaxijiet b’mod kompost wara l-call-in. Kull ma gie muri mix-xhieda tal-konvenut Melvyn Mifsud huwa d-diversi depoziti li saru u d-dati relattivi. Ma jirrizultax li gie kkalkulat imghax b’sistema komposta minn wara l-*call in*, ghalkemm, ovvjament, bhal fil-kaz ta’ mutwu ordinarju, l-imghaxijiet ikomplu telghin. Meta tqis li l-konvenut Melvyn Mifsud iddikjara u halef fin-nota tal-

eccezzjonijiet tieghu illi hu "*jaccetta li l-ammonti pretizi mis-socjeta` attrici huma dovuti*", u li l-perm tad-difiza tal-konvenuta Jacqueline Mifsud huwa li kien zewgha li nqeda bil-facilita`, din il-Qorti ma tqisx din is-sottomissjoni bhala valida.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Jacqueline Mifsud billi tichad l-istess u tiddisponi mill-appell ta' Lombard Bank Malta plc billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Lulju, 2011, u minflok tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------